# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-6 t' Ottubru, 2015.**

**Rikors Numru 553/2015 SM**

**Bank of Valleta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs.**

**Samuel Baldacchino**
**(K.I. numru 803447 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-8 ta' Gunju, 2015, li permezz tieghu il-bank rikorrenti sintetikament espona s-segwenti tramite r-rapprezentant tieghu hemm indikat:

1.1. Illi kkonceda facilitajiet bankarji lill-intimat permezz ta' kuntratt *in atti* tan-Nutar Dottor Marco Buttigieg, datat it-30 t'Ottubru, 2006, (ara foll 4);

1.2. Illi l-istess bank rikorrenti hu kreditur ta' l-intimat fis-somma ta' mija u tmint elef, mitejn u tletin Ewro u disa` centezmi, (€108,230.09), bilanc ghad-debitu ta' l-istess intimat fil-konfront tal-bank rikorrenti, (ara foll 35 sa 40);

1.3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt *de quo* fosthom:

1.3.1. Illi l-intimat naqas li jhallas pagamenti dovuti lill-bank rikorrenti kif patwit;

1.3.2. Illi l-intimat kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu hemm assunti;

1.3.3. Illi hemm bidliet materjali ta' l-intimat li ma jippermettux lill-intimat ihallas id-debitu tieghu lill-bank rikorrenti;

1.4. Illi *nonostante* li debitament interpellat biex ihallas l-ammonti minnu dovuti, l-intimat baqa` inadempjenti, (ara foll 41);

1.5. Illi ghaldaqstant il-bank rikorrenti adixxa din il-qorti biex l-intimat ikollu l-opportunita` jghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mic-cirkostanzi fuq imsemmija li jipperikolaw il-hlas lura tad-debitu involut, mill-intimat lis-socjeta` rikorrenti;

1.5.2. Tikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont fuq indikat, (ara paragrafu numru wiehed punt tnejn, (1.2.), aktar qabel), lis-socjeta` rikorrenti flimkien ma' l-imghax ulterjuri mid-9 ta' Jannar, 2015, sad-data ta' l-effettiv pagament;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur kontra l-intimat;

2. Ezaminat id-dokumenti kollha pprezentati;

3. Semghet lill-intimat jammetti t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 51);

Ikkunsidrat:

4.0. Illi in vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimat tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi u konsegwentement, filwaqt li tilqa` t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti:

**DECIDE:**

4.1. Tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mic-cirkostanzi imsemmija mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha li jipperikolaw il-hlas mill-intimat tad-debitu fuq riferit fl-istess rikors lis-socjeta` rikorrenti;

4.2. Tikkundanna lill-intimat Samuel Baldacchino biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta, l-ammont ta' mija u tmint elef, mitejn u tletin Ewro u disa` centezmi, (€108,230.09), flimkien ma' l-imghaxijiet dovuti fuq dan l-ammont mid-9 t' Jannar, 2015, sad-data ta' l-effettiv pagament;

4.3. Bl-ispejjez kif dedotti fir-rikors guramentat fuq indikat kontra l-istess intimat.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**